# LEJN GVERN RESPONSABBLI

## 1905 — 1921



HENRY FRENDO

# LEJN GVERN RESPONSABBLI
## 1905 — 1921

HENRY FRENDO

000133

NEW LYCEUM LIBRARY

Henry Frendo

# Lejn Gvern Responsabbli

## Ir-Rieda għall-Ħelsien

It-Tieni Ktieb

(1905-1921)

Traduzzjoni ta' Charles Dalli

**Pubblikazzjonijiet Indipendenza**

Stamperija Indipendenza
Pietà - MALTA
1990

Pubblikat għall-ewwel darba f'Settembru 1990
minn Pubblikazzjonijiet Indipendenza
Partit Nazzjonalista
28,Triq id-Duluri, Pietà - Malta
L-Erbatax-il Pubblikazzjoni
© Pubblikazzjonijiet Indipendenza u l-awtur
1990

Jeddijiet kollha miżmuma

Dan il-ktieb qiegħed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jinsilef jew jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-format jew fil-Produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-kunsens ta' min għandu l-Copyright

Produzzjoni: Michael J. Schiavone
Disinn: Mario Muscat
Layout: Joseph Busuttil
Mitbugħ: Stamperija Indipendenza, Pietà.

**Tagħrif għall-katalogar**

**Frendo, Henry, 1948 –**

Lejn gvern responsabbli : ir-rieda għall-ħelsien,
it-tieni ktieb,1905-1921 / Henry Frendo — Pietà:
Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1990
xv, 156p. : ill. ; 20 cm.

1. Partit Nazzjonalista — History
2. Malta — Political parties
I. Title

DDC: 324.2458503

"B'kostituzzjoni, il-mexxejja u l-poplu ma kinux qegħdin jifhmu biss strument ġuridiku. Iktar importanti minn hekk, riedu integrazzjoni bejn soċjetà u politika, bejn poplu u pajjiż, riedu l-libertà u riedu l-ħobż. Mhux waħda a skapitu ta' l-ieħor, la riedu jkunu ħielsa u mġewħa, lanqas żaqqhom mimlija u lsiera. Meta din ix-xenqa bdiet tikber, bdew jikbru wkoll id-dubji ta' min se jkollu jerħi l-poter li kien ġmielu dara bih".

*"Poplu Wieħed", Siġġiewi, 7 ta' Ġunju 1989*

"Din hi indipendenza iebsa, indipendenza li tinħtieġ qabel xejn li nagħrfu nibnu lilna nfusna. M'hemmx għalfejn iżjed, issa, li jsir dak il-front komuni kontra r-reġim kolonjali. Nistgħu naffordjaw li nkunu iżjed sinċieri magħna nfusna. Iżda lanqas hemm skop iżjed, bħal qabel, għal metodi ta' firda bejnietna, sikwiet firdiet manipulati u orkestrati. Jekk il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ iħobbu l-kuluri, ħa jsiru bojod u ħomor."

*"Jum Storiku u Simboliku", Furjana, 21 ta' Settembru, 1989*

***Lil Ommi***

# WERREJ

1. Introduzzjoni:
Messaġġi mill-Imgħoddi ..............................................ix

2. It-Triq Twila għall-Gvern Responsabbli:
Il-Politika u s-Soċjetà Maltija taħt Kostituzzjoni
mhux rappreżentattiva 1905-1919 ............................1

3. Inbid qadim fi fliexken ġodda:
Il-Partiti Politiċi u l-għoti ta' Gvern Responsabbli .......83

4. It-Trasformazzjoni ta' Kultura Nazzjonali:
Lejn Sistema b'Żewġ Partiti. .....................................111

5. Indiċi ta' l-Ismijiet u l-Postijiet ..................................137

6. Dwar l-Awtur u Kitbiet oħra tiegħu. ..........................145

# 1

## Introduzzjoni:

### Messaġġ mill-Imgħoddi

Meta d-Direttur tad-dar il-ġdida ta' pubblikazzjonijiet li qegħda tippubblika din it-traduzzjoni, Michael J. Schiavone, żarni biex jistedinni noħrogħa, kelli dubju żgħir iberren f'moħħi. Minħabba l-partiġjaniżmu sfrenat u x'aktarx għami li eżista fil-gżira ta' Malta, u li żdied qatiegħ fis-snin sebgħin u wara, bżajt li xogħli seta' jiġi interpretat bħala wieħed ispirat minn xi interess partiġjan. Biss, ħassejt ukoll li l-ewwelnett ċertu partiġjaniżmu kien imdeffes u mrewwah minn interessi organiżattivi għal skopijiet partikulari iżjed milli wieħed spontaneju jew razzjonali, u allura ma kienx sew li wieħed jimpressjona ruħu minnu żżejjed. Iktar importanti kien hemm dak stess li kelli xi ngħid jien fl-istudji tiegħi, studji ferm dokumentati li nkitbu f'dan il-każ barra minn Malta u fi żmenijiet meta anki l-formazzjoni politika mentali tiegħi kienet differenti, biex ma ngħidx li din stess ġiet influwenzata minn dak li sibt.

Għalkemm żgur li r-rilevanza tiegħu ma tieqafx hemm, f'dak li hu spazju ta' żmien dan l-istudju jieqaf fis-sena 1921, meta allura l-**Labour Party** kien bilkemm għadu jeżisti. Dawn huma preok-

upazzjonijiet akkademiċi u forsi anki pedantiċi, għaliex fl-aħħar mill-aħħar is-sustanza jew le tal-kitba tinftiehem u titkejjel minnha nnifisha u mhux b'xiber ħaddieħor li forsi lanqas ikollu interess ġenwin li jsegwiha u jitgħallem minnha, jekk imqar ikun fehem x'qara. (Ftit ilu ċertu politikant ħareġ mingħalih jikkritika xi ħaġa li għedt fil-ktieb riċenti tiegħi **Malta's Quest for Independence** (Valletta Publishing, 1989) f'organu partiġjan, meta fil-fatt fil-ktieb ma kienx hemm kif qal hu dak li suppost kien qiegħed jikkritika). Dawn il-praspar "ta' Malta" wieħed forsi jidra jgħix magħhom, sfortunatament, u ma jistax ikun li tagħti kashom wisq, ħlief b'sens ta' mogħdrija. Ghalhekk aċċettajt b'fiduċja li nilqa' l-offerta li għamilli l-publisher Schiavone, f'isem Pubblikazzjonijiet Indipendenza, u nittama li l-ktieb jinqara b'moħħ miftuħ minn kull min jinteressa ruħu jagħraf x'għadda mingħalina bħala poplu u min, naturalment, jippreferi jagħmel dan fi lsienna.

Dan il-ktieb hu essenzjalment it-tieni parti tat-teżi dottorali li ppreżentajt f'Oxford fl-1976 dwar **"The Formation of Maltese Political Parties"**, li kienet tiġbor fiha mhux biss ir-riċerka li għamilt fit-tlett snin li domt nistudja hemm iżda wkoll dawk ta' qabel li aspetti minnhom kienu xxandru diġà f'kitbiet oħra bikrija tiegħi bħal dawk dwar is-**Sette Giugno** u Manwel Dimech fil-bidu tas-snin sebgħin. (Fis-sustanza tagħha din dehret fl-oriġinal bl-Ingliż fil-volum sħiħ maħruġ minn Midsea fl-1979 intitolat **Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience**, b'introduzzjoni tal-Professur Dennis Austin, li issa hu *out of print*).

L-ewwel parti tagħha, b'introduzzjoni u xi adatazzjonijiet, ħarġet bħala **Ir-Rieda għall-Ħelsien, 1880-1905.** (Akkademja għall-Iżvilupp ta' Ambjent Demokratiku, 1980). Ix-xogħol ta' traduzzjoni kien sar minn Sylvana Cristina, gradwata bl-unuri fl-Istorja mill-Università ta' Malta u, wara producer magħrufa fuq l-istazzjon tax-xandir TVM, mnejn telqet fl-1988 għal kariga eżekuttiva f'kamp ieħor. (F'dik il-ħabta jien kont diġa' ħallejt il-gżira, u mort Ginevra

naħdem ma' aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti li tgħin lir-rifuġjati).

It-traduzzjoni ta' din it-tieni parti tax-xogħol saret minn Charles Dalli, student ta' l-Istorja fl-Università ta' Malta u membru tal-Għaqda tal-Malti (Università) li issa reġgħet twaqqfet. Hi traduzzjoni kapaċi u fidila li taqra tajjeb, u li tikteb il-kelma kif tinħass meta din tkun stranjiera u tirrendi ruħha għal trattament fonetiku. Madankollu id Dalli m'hijiex waħda purista u hu stess iddeskriva l-posiżjoni lingwistika tiegħu miegħi bħala 'Friggierjana', jiġifieri taċċetta kliem Maltin ta' kull nisel u tħaddimhom skond kif titlob lingwa ħajja u għammiela, ċioè mingħajr il-fisazzjoni antika dwar mnejn ġiet kelma jew oħra li tista' tintuża b'sinifikat preċiż.

Id-direzzjoni fil-parti tat-teżi li għandna quddiemna hawn, kif jindika diġà isem il-ktieb "**Lejn Gvern Responsabbli**", teħodna mill-eqqel tal-kolonjaliżmu Ingliż fil-bidu ta' dan is-seklu, meta l-kostituzzjoni ta' "gvern rappreżentattiv" miksuba mill-Partito Nazionale kapitanat minn Fortunato Mizzi fl-1887, titneħħa fl-1903.

Mit-tneħħija tal-kostituzzjoni fl-1903 sal-kisba ta' kostituzzjoni aħjar fl-1921, wara moviment diffiċli u kultant mifrud ta' reżistenza, hu perijodu ta' frustrazzjoni, ta' ripressjoni, ta' dilemma. Il-mistoqsija ċentrali - u forsi anki familjari għalina l-lum - hi: **x'tagħmel meta int, oppożizzjoni li temmen li tirrappreżenta lill-maġġoranza, ma taċċettax il-leġittimità tal-gvern li int fl-istess ħin trid tinfluwenza u tbiddel ?** Dilemma kattiva. Biex tkompli, fil-bidu ta' dan is-seklu imutu ż-żewġ mexxejja l-iktar prominenti li kienu taw ħajja lill-bipartitiżmu Malti, Fortunat Mizzi fl-1905, l-iktar wieħed importanti mit-tnejn, u Sigismondo Savona, fl-1908 - li kienet proprju l-ħatra tiegħu bħala Rettur anglofil ta' l-Università u Direttur ta' l-Edukazzjoni fl-1880 li pprovokat moviment ta' rizentiment u ta' reżistenza internament diviżiva bħal qatt qabel.

Dan l-għebien fil-bidu tas-seklu iħalli vojt fil-qasam tat-tmexxija li b'xi mod jimtela' minn personalitajiet bħal Ċikku Azzopardi u l-

kanonku Senglejan Panzavecchia. Hu biss fis-snin għoxrin, iktar tard, li naraw polarizazzjoni ikbar, li iktar kienet tixbah lil dik bejn Mizzi u Savona fuq seklu ilu. Din tkun l-iżjed bejn Strickland u Nerik Mizzi, għad li dawn it-tnejn kienu mwieżna ftit jew wisq minn Gustu Bartolo u minn Ugo Mifsud, b'mod speċjali minn Mifsud li s'issa m'huwiex studjat u l-presenza tiegħu hi xi ftit vaga, forsi mitfija mid-dinamiżmu u t-trasparenza ta' Mizzi. (B' "polarizazzjoni" għandna nifhmu iżjed nuqqas ta' qbil u ċertu antagoniżmu speċjalment f'mument drammatiċi meta jkun hemm krizijiet kostituzzjonali, ekonomiċi jew militari, milli firda u ostilità *de rigeur* anki vjolenti tat-tip 'min m'hux magħna kontra tagħna' li ddaħħlet fi żmenijiet aktar qrib tagħna.)

Wara t-tieni gwerra, nerġgħu nsibu parallel pjuttost definit fil-konfrontazzjoni Borg Olivier-Mintoff. Ma nistgħux inqabblu għal kollox mexxejja li ġew wara (Fenech Adami mill-1977 u Mifsud Bonnici mill-1984) sew għaliex bl-indipendenza, il-qagħda kienet inbidlet radikalment u sew għax fil-waqt li Borg Olivier miet, Mintoff baqa' ħaj u attiv.... *"lurking in the shadows".* Il-vantaġġ tal-mixi taż-żmien għall-għarfien tal-passat qiegħed preċiżament f'dan, illi l-vista tiċċara u l-persunaġġi jkunu jistgħu jiġu teleskopati, madankollu r-rilevanza tat-tiftix u ta' l-analiżi dejjem tibqa', anzi tiżdied.

Rimarka żgħira hi dwar it-traduzzjoni ta' ismijiet ta' partiti u assoċjazzjonijiet. Per eżempju, għalkemm il-kontinwità bejn il-Partit Nazzjonalista tal-lum u dak ta' qabel toħroġ, l-użi u t-tifsir tal-kliem jinbidlu u mhux bilfors dejjem jirrendu l-istess sinifikat. Il-kelma "nazzjonalista" ftit tintuża qabel l-Ewwel Gwerra; nibdew insibuha b'mod iżjed frekwenti fis-snin għoxrin.

Lejn l-aħħar parti ta' dan il-ktieb niġġeneralizza u forsi anki nittejorizza xi ftit dwar xi ħlieqa hu partit politiku u kif il-kolonjaliżmu nfluwenzalu surtu, kliemu u egħmilu, kienx inevitabbli l-bipartitiżmu f'Malta jew le, x'effetti ħalliet fuq il-mentalità politika l-firda

kolonjali 'istituzzjonalizzata' bejn gvern u oppożizzjoni u bejn barrani u nattiv. Naraw il-partiti jiffurmaw ruħhom għall-elezzjoni sinifikanti ta' l-1921, wara s-**Sette Giugno**, u l-għoti tal-kostituzzjoni, u x'kienu l-programmi tagħhom f'dan iż-żmien hekk formattiv. Hemm ix-xebh u d-differenzi u anki bosta sorpriżi - speċjalment għal dawk mill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ li forsi ħasbu li jafu x'ġara fil-passat għax kienu jmorru jisimgħu lil xi politikant jirrakkontah minn fuq xi trakk fil-mass meetings, jew fuq l-istazzjon televiziv lokali — fejn il-bumbardament sikwiet baxx tat-telespettatur mill-politikanti u minn xandara magħġuna fil-fanatiżmu iżolan, inseriti f'karigi dominanti fuq il-*media* għal interess dikjaratament partiġjan, għal bosta snin ma qata' xejn. Rari nsibuh minsuġ ma' ingaġġ analitiku dixxiplinat u storikament infurmat, imqar minn kummentaturi magħżula ta' dak l-istazzjon 'Malti'.

Kostituzzjonalment "gvern responsabbli", jew 'self-government', ifisser gvern b'elettorat usa', b'parlament elett, b'kabinett u b'kap tal-ministeru jew prim ministru, u b'responsabbiltà interna għat-tmexxija tal-pajjiż, filwaqt pero' li l-poter imperjali jżomm riżervati għalih bosta oqsma, bħalma kienu dawk ta' l-affarijiet barranin u tad-difiża. Fuq livell ieħor, naturalment, gvern responsabbli ifisser amministrazzjoni onesta u integra li tagħraf tiddeċiedi fl-aħjar interess pubbliku: xi ħaġa li x'aktarx jixtieqha kulħadd għad li żgur m'hijiex faċli, forsi inqas u inqas fi gżira żgħira li għal tant snin kienet suġġettata għal ċerti tendenzi u metodi fl-imġieba ta' bniedem lejn l-ieħor u ta' l-amministrazzjoni pubblika kollha kemm hi. Attitudnijiet, per eżempju, ta' dipendenza fuq ħaddieħor għal xejn b'xejn u ta' serviliżmu, ta' arroganza stinata 'militari', pretensjonijiet u pozi ta' '*stiff upper lip*' fl-aħħar ħatriet-tipi kolonjali, li baqa'; inkella ċerta kilba għal firdiet u tixwix bla ħtieġa rejali, fuq il-bażi konvenzjonali ta' oppożizzjoni versu gvern, jew viċi-versa, bħallikieku gvern u oppożizzjoni f'ex-kolonja m'humiex l-istess nies, l-istess kostitwenza, l-istess '*body politic*', minkejja s-soltu nuqqasijiet u

diverġenzi li ssib u li għandek issib fi ħdanu. Fi kliem ieħor, minkejja l-ġlieda kostanti, eċċitata għall-ħelsien, jew forsi minħabba f'hekk, il-mentalità ta' nazzjon taċ-ċittadini, ta' razzjonalità, konfidenti, adulta, individwali, li tagħrbel, li tiżen, li tistaqsi u tinkwadra, baqgħet dgħajfa u mgħaffġa.

Fil-konkluzzjoni, meta nistaqsi x'jiġri meta fl-aħħar tasal l-indipendenza, hemm stqarrijiet li wieħed seta' ħaseb li issa ġew datati jew sorpassati imma meta t-traduttur u jien erġajna qrajnihom iddeċidejna li ż-żmien ma kienx ħassar il-validità tagħhom. Kif isostni l-iskular Braudel, il-bidla individwali hi mgħaġġla filwaqt li l-bidla soċjali tieħu fit-tul. Imma fil-milja tas-snin, isseħħ ukoll.

**Henry Frendo**
Malta, 15 ta' Awissu, 1990.